MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru 724/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs**

**FRANCIS MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Francis Micallef ta' 53 sena, iben John u Rosaria nee Mifsud, imwieled Qormi fl-26 ta' Marzu 1952 u residenti 396, Triq il-Kbira, Qormi. Detentur ta' Karta ta' l- Identita' bin-numru 374552(M);

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f' Gunju u Lulju 2004 u fix-xhur ta' wara:

approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra, minn somma ta’ flus li globalment tilhaq is-LM 17,000, liema somma kienet tappartjeni lil Oreste Cilia u persuni ohra u li giet fdata lilu jew ikkonsenjata lilu that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe li tigi kkonsenjata lil Oreste Cilia u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 14 ta’ Dicembru, 2006 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-parte civile rigwardanti dan il-kaz.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b’referenza ghall-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali moghti mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 14 ta’ Dicembru, 2006, iddikjara li f’din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fin-Nota ta’ Rinviju tal-Avukat Generali datata 14 ta’ Dicembru, 2006.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 293, 310(1)(a), 20 u 30 tal-Kodici Kriminali.

Issib lill-imputat Francis Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-parte civile rigwardanti dan il-kaz, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Francis Micallef ghall-piena ta’ sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Francis Micallef jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza b’referenza ghall-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali moghti mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 14 ta’ Dicembru, 2006, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fin-Nota ta’ Rinviju tal-Avukat Generali datata 14 ta’ Dicembru, 2006.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------